# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija (Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Jonathan Attard**

Illum, 12 ta' Novembru 2017

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Attard, iben John u Mary Ann nee' Farrugia, imwieled H'Attard nhar it-8 ta' April 1979, residenti f'għalqa fi triq San Ġwann ta' l-Għargħar, San Ġwann, u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija numru 182679M

**U akkuzat talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Ottubru 2017:**

1. Ikkommetta serqa ta' vettura ta' għamla Fiat, b'numru ta' reġistrazzjoni DBF603, liema serqa hija aggravata bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-valur ta' iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Euro 2,329.37), għad-detriment ta Maria Dolores Zammit u/jew persuni ohra. (Art. 263, 267, 270, 271 (g), 279 (b), 280 (1) (2), tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

2. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu volontarjament ħassar, għamel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (Euro 2,500), iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin euro (Euro 250) għad-detriment ta Maria Dolores Zammit u/jew persuni ohra (Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

**Akkużat aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-28 ta' Ottubru 2017, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu:**

1. Saq vettura bil-mutur tal-għamla Fiat u numru ta' reġistrazzjoni DBF603 b'mod perikoluż. Art.15(1) (a), tal- Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta
2. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta'wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra. Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Deher l-Ufficjal Prosekutur Spettur Matthew Spagnol li qara u halef l-akkuzi fil-konfront tal-imputat.

L-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-arrest.

L-imputat irregistra ammissjoni.

**Il-Qorti,**

Tat zmien lill-imputat sabiex jerga' jahseb dwar din l-ammissjoni tieghu, wara liema hin huwa kkonferma l-htija tieghu.

Rat l-akkuzat u l-ligi, semghet lill-akkuzat jgharrafha illi huwa kien diga' rekoverat f'Mount Carmel u filwaqt li jaf li ghandu problema tad-drogi kien be hsiebu biex jidhol jaghmel il-program u ghalhekk talab lill-Qorit tiehu dan in konsiderazzjoni.

Rat il-ligi: Art. 263, 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1)(2), tal- Kap. 9; Art. 325(1)(b) tal-Kap. 9; Art.15(1)(a) tal- Kap. 65 u Art. 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti mgharrfa wkoll li l-vettura DBF603 inghatat lura lis-sid.

In vista ta' dan kollu il-Qorti ssib lill-akkuzat hati u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' **20 xahar** u tordna illi f'tali perjodu huwa jinghata il-kura kollha mehtiega inkluz li jiddahhal program sabiex l-akkuzat jeghleb il-vizzju tad-droga, filwaqt li tistieden lill-awtoritajiet kompetenti sabiex minnufih jintbaghat gewwa Mount Carmel sabiex ikompli l- programm li kien diga' beda u eventwalment jinghata l-kura kollha li ghandu bzonn.

**Maġistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**